# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rik. Nru. 1061/20JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1061/20 fl-ismijiet:

L-Avukat Dottor Ivan **SAMMUT**

vs

Emanuel **BARTOLO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-11 ta’ Awwissu, 2020, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li l-Qorti żżomm lill-intimat milli “jiftaħ kwalunkwe tieqa jew apertura oħra li tagħti għal fuq il-proprjetà tal-esponenti numru 34, Triq Castro, Naxxar”;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta’ Awwissu, 2020, li bih laqgħet it-talba b’mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-intimat bi żmien għat-tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-25 ta’ Awwissu, 2020;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fl-14 ta' Awwissu, 2020, li biha u għar-raġunijiet hem imfissra, laqa' għat-talba tar-rikorrent billi qal li t-talba hija bla bażi u ma jmisshiex tintlaqa';

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-25 ta' Awwissu, 2020;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent illum li biha ċeda l-atti tal-Mandat;

Fid-dawl tal-imsemmija Nota, il-Qorti qiegħda tieqaf milli tqis aktar it-talba għall-ħruġ tal-Mandat; u tħassar "*contrario imperio*" d-degriet tagħha tal-11 ta' Awwissu, 2020, safejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju.

Mogħti kameralment illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Awwissu, 2020.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**